**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 340/2020 AF**

**Besteam Audio Limited (C-39942)**

**vs**

**World Entertainment Company S.r.L.**
**(Kodici Fiskali 03463781207)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi Besteam Audio Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fuq inkarigu tas-socjetà konvenuta, s-socjetà attrici forniet diversi servizzi u kriet apparat sabiex jittella' l-ispettaklu Radio Italia li gie organizzat u mtella' mis-socjetà konvenuta nhar l-4 ta' Ottubru 2019, fil-Fosos tal-Floriana f'Malta.

Il-prezz pattwit bejn il-partijiet kien fis-somma komplessiva ta' €53,759.30 konsistenti f'apparat relatat ma' *sound system* (ara fattura u *statements* annessi u mmarkati bhala Dok. A u B rispettivament).

Is-socjetà konvenuta baqghet ma hallsitx is-somma ta' €53,759.30 dovuta lis-socjetà attrici u dan minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan.

Ghaldaqstant is-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fl-ammont ta' €53,759.30, oltre l-imghax legali dekoribbli skond il-ligi.

Fil-fehma tas-socjetà rikorrenti, s-socjetà konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'tissoleva kontra t-talbiet tal-istess socjetà rikorrenti.

Is-sur Antoine Busuttil ghan-nom tas-socjetà rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fl-ammont ta' €53,759.30.

2. Tordna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €53,759.30.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-fattura skond il-ligi kontra s-socjetà konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi minkejja li debitament notifikata, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontra tagħha.  Lanqas ma ressqet sottomissjonijiet finali minkejja li giet moghtija din il-fakoltà.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi qed titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' €53,759.30 in linea ta' servizzi reżi u kiri ta' apparat.

Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta, minkejja li debitament notifikata bl-atti tal-kawża, ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet attriċi.  Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni.  Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et, deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri li:

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*."

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, tat-30 ta' Novembru 2015, qalet hekk:

> "*L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-*

*Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioè dik li ma jkunx jista' jressaq provi (ara: App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Minn naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosità tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).*

*Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta' konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara : **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet inkarigat lis-soċjetà attriċi sabiex tipprestalha servizzi u biex tikrilha apparat sabiex jittella l-ispettaklu Radio Italia fl-4 ta' Ottubru 2019 fuq il-Fosos tal-Floriana. Mill-atti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ħallset is-somma ta' €23,039.70 akkont u għad jonqos il-bilanċ ta' €53,759.30. Skont il-fatturi ppreżentati mill-attriċi jirriżulta li l-prezz pattwit kien relatat ma' servizzi u kera ta' apparat konsistenti f'*sound system*. Is-soċjetà konvenuta baqgħet qatt ma ħallset lis-soċjetà attriċi minkejja li ġiet interpellata biex tħallas.

Fid-dawl tal-provi prodotti, u fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet jew prova kontrastanti da parti tas-soċjetà konvenuta, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni tajba għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet kif dedotti.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attriċi bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG